**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 9 ta' Mejju 2018

Rikors Numru 75/2018 GM

L-Avukat Peter Fenech…

-vs-

Express Logigroup Ltd (C58205)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tal-Avukat Dottor Peter Fenech nomine ppreżentat fis-27 ta' Marzu 2018, li jaqra hekk:

"Illi s-soċjeta` intimata tkun ikkundannata thallas is-somma ta' erbatax il-elf, disgha mija, disa u tmenin euro u sittin centezmu, rappresentanti servizzi ta' transport debitament prestati lis-socjeta intimata oltre imghax sad-data tal-pagament effettiv li minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, s-socjeta intimata baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz odjern u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat li s-soċjeta` intimata ġiet debitament notifikata iżda la ppreżentat Tweġiba u lanqas deher xi rappreżentant tagħha għall-udjenza tad-9 ta' Mejju 2018;

Rat li l-Avukat Dottor Peter Fenech ikkonferma bil-ġurament li l-ammont mitlub fir-rikors promotur ossia l-avviż tat-talba għadu dovut;

Ikkunsidrat:

Illi għalhekk it-talba attriċi tinstab sodisfaċentement ippruvata;

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent kif dedotta fir-Rikors u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta` intimata għall-ħlas ta' €14,989.60 bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment mar-rikors promotur bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta` intimata.

Maġ. Grazio Mercieca